MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 854/1994/1

**Neville Xuereb**

**Vs**

**Michael Formosa Gauci**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fid-9 ta' Gunju 1994 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien xtara minghand il-konvenut il-*garage* immarkat bl-ittra "A" sitwat fi Sliema Road, Kappara, San Gwann, kif ahjar deskritt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottoressa Mary Grech Pace tas-26 ta' April 1993 – Dok. A, u dana bil-prezz ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000) u bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess kuntratt;

Premess illi f' Jannar ta' din is-sena l-attur intebah illi kien dahal kwantita` ta' ilma mis-saqaf u mill-hajt ta' l-appogg u b' hekk il-*garage* kien kolpit b' difett mohbi li ma setax skoprih qabel, u dan skond kif iccertifika l-Perit David Felice, Dok. B;

U premess illi l-konvenut kien jaf bid-difett tal-haga mibjugha pero` heba dan il-fatt mill-attur u dana kif jigi spjegat izjed dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi l-konvenut interpellat jirranga d-difett jew ihallas il-prezz ghax-xoghol li hemm bzonn isir biex id-difett jigi rrangat u biex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur, baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi u dawk li setghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-*garage* fuq deskritt u mibjugh lill-attur mill-konvenut bil-kuntratt tas-26 ta' April 1993 fuq imsemmi kien kolpit b' difetti mohbija;

2. Tillikwida dik il-parti tal-prezz imhallsa lill-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lura lill-attur dik il-parti tal-prezz li tigi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur ai termini ta' l-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili minhabba li l-konvenut kien jaf bid-difetti mohbija fil-*garage* in kwistjoni, prevja jekk hemm bzonn dikjarazzjoni li l-konvenut kien jaf li l-*garage* kien kolpit bid-difett imsemmi;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni dik is-somma li tigi hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru numru /94, tac-cedola ta’ depozitu u tar-rikors ghas-sospensjoni tal-proceduri tas-Subbasta numru 51/91 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fl-10 ta’ Ottubru 1994 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi in linea preliminari ma giex debitament dikjarat mill-attur fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu jekk l-istess attur jafx il-fatti minnu dikjarati personalment u ghalhekk l-atti prezentati mill-attur huma irritwi u nulli;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost u in linja preliminari ghal dak li hija n-natura ta’ l-oggett tal-kawza, din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti li tisma’ u tiddiciedi din il-kawza stante li din hija materja ta’ kompetenza ta’ l-Onorabbli Qorti Civili, Prim' Awla, u mhux ta’ din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju taghha;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost u in linja preliminari, a kuntrarju tad-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur, il-konvenut qatt ma gie interpellat jirranga d-difett jew ihallas il-prezz ghax-xoghol li hemm bzonn isir biex id-difett jigi rrangat u biex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur, u ghalhekk l-azzjoni ta’ l-attur hija intempestiva;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-azzjoni hija dekaduta bid-dekors ta’ sena mid-data tal-kuntratt ta’ bejgh fl-atti tan-Nutar Dottoressa Mary Grech Pace tas-26 ta’ April 1993 u ghalhekk jekk kien hemm vizzju mohbi jew le, ma hemmx bzonn li wiehed jidhol f’ din il-kwistjoni;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta’ l-attur huma infondati stante li l-garaxx mibjugh lill-istess

attur ma huwiex milqut minn vizzji mohbija u kwindi l-attur m' ghandux dritt jezercita din l-azzjoni;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut jirrispingi bil-qawwa kollha l-allegazzjoni ta' l-attur li l-konvenut kien jaf bid-difett tal-haga mibjugha;

7. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-Verbal tal-25 ta' Novembru 1994 li fih hu indikat li l-konvenut irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat il-Verbal ta' l-24 ta' Novembru 1995 fejn id-difensuri tal-kontendenti rrimarkaw li in vista ta' l-emendi ricenti l-eccezzjoni ta' l-inkompentenza giet sorvolata;

Rat id-Digriet tal-31 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu gew nominati bhala periti gudizzjarji Dr. Miriam Hayman u AIC Rene Buttigieg biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz; kif ukoll dak tat-3 ta' April 1998 li bih, in vista ta' l-elevazzjoni tal-perit legali ghall-Magistratura, gie revokat l-inkarigu lilha moghti u giet sostitwitha bl-istess inkarigu u fakoltajiet bl-Avukat Dr. Marseanne Farrugia;

Rat ir-rapporti tal-periti nominati li jinsabu a fol. 436 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2005;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur li tinsab a fol. 646 *et sequitur* tal-process; kif ukoll in-nota tas-Sottomissjonijiet tal-konvenut li tinsab a fol. 667 e*t sequitur*;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Dak li ta lok ghall-istanza prezenti mill-attur hi l-allegazzjoni tieghu li l-*garage* minnu mixtri mill-poter tal-konvenut b’ kuntratt tas-26 ta’ April 1993 (fol. 5) kien affett minn difetti mohbija.  Skond l-accertamenti maghmula mill-perit tieghu, AIC David Felice, (ara rapport tieghu a fol. 7) dawn id-difetti kienu jikkonsistu minn perkolazzjoni ta’ l-ilma mis-saqaf u mill-hajt fuq in-naha xellugija tal-fond, rizultanti fi tbajja ta’ umdita`;

Dawn id-difetti gew ezaminati *in extenso* mill-perit tekniku nominat minn din il-Qorti.  Fuq il-konstatazzjonijiet u verifiki minnu kondotti, kif registrati fir-relazzjoni tieghu (fol. 565), dan  l-espert tekniku wasal ghal dawn id-deduzzjonijiet:-

(1) L-umdita` fis-saqaf tal-*garage* ma kienetx dovuta ghal xi difett jew nuqqas fil-kostruzzjoni tal-bejt tieghu izda ghan-nuqqas ta’ manutenzjoni ta’ l-istess bejt u t-tindif tal-*gutters*;

(2) Invece, kwantu ghall-umdita` fil-hajt ikkontribwew diversi fatturi.  *Inter alia*, l-inadegwatezza ta’ kif sar ix-*sheeting* tal-plastik, minghajr *overlap* u issodar adegwat u li ma giex mahsub sfog ghall-ilma li joskula mill-blat u jingabar fil-qiegh.  Fl-opinjoni ta’ l-espert tekniku dawn in-nuqqasijiet prekawzjonali fil-kostruzzjoni tal-*garage* kkontribwew ghad-difetti lamentati mill-attur;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet teknici li, incidentalment, baqghu inattakkati, la b' eskussjoni, la permezz ta' opinjoni xort' ohra minn periti addizzjonali u lanqas b' sottomissjonijiet konvincenti li jqeghdu gravement fid-dubbju r-relazzjoni teknika sottomess lill-Qorti, jirrizulta li x-xorta ta' azzjoni proposta mill-attur tirrientra fil-qafas ta' dik il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux li jippreciza l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili. Garanzija din li hi dovuta ghall-fatt oggettiv tad-difetti, indipendentement mill-htija tal-venditur. Dejjem skond l-imsemmi artikolu d-difetti jikkonsistu f' dawk l-imperfezzjonijiet fil-haga b' tali mod li jincidu fuq l-uzu jew il-valur taghha. Naturalment, l-accertament ta' l-ezistenza, gravita`, apparenza jew rikonoxxibilita` tad-difetti jikkostitwixxu apprezzament fil-meritu. Fundamentalment, pero`, hu sufficcjenti l-accertament dwar jekk id-difetti denunzjati jirrendux il-haga inidonea ghall-uzu jew inaqqsux il-valur taghha b' mod apprezzabbli;

Fil-kaz prezenti l-attur jinvoka t-tutela tad-drittijiet tieghu billi jirrikorri ghall-azzjoni tar-riduzzjoni fil-prezz tal-komprovendita, ahjar konoxxuta bhala l-azzjoni estimatorja jew "*quanti minoris*". Azzjoni bhal din ghandha certament l-iskop li thares l-ekwilibriju tal-prestazzjonijiet fil-kaz li x-xerrej jew ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jirrikorri ghar-rimedju tar-rizoluzzjoni tal-bejgh. L-ghazla tax-xerrej bejn ir-riduzzjoni fil-prezz u r-rizoluzzjoni tal-kuntratt hi fakolta esklussiva tieghu, tant li jinsab ritenut li l-venditur "ma jistax jindahal lix-xerrej fl-ghazla ta' l-azzjoni li jezercita" (**Kollez. Vol. XLI P II p 1198**). Irid jinghad ukoll illi tali ghazla tissussisti imprexxendibilment minn jekk id-difetti humiex ta' entita` magguri jew minuri. Hu cert, pero`, li la darba ssir, l-ghazla hi wahda definittiva, b' mod li z-zewg azzjonijiet – dik estimatorja u dik redibitorja – ma jistghux jigu proposti b' mod subordinat, wahda ghall-ohra, fl-istess azzjoni promossa;

Kemm fil-kaz ta' l-azzjoni l-wahda jew l-ohra, konsiderat li d-denunzja tad-difetti u t-tempestivita` ta' l-istess

jikkostitwixxu kundizzjonijiet ta’ l-azzjoni, jaggrava fuq ix-xerrej l-oneru li jipprovahom. Ghall-precizazzjoni, “l-prova li d-difett fil-haga mibjugha kien jezisti qabel il-bejgh tinkombi fuq ix-xerrej li jallega dak id-difett. Din il-prova trid tkun tali li tikkonvinci lil gudikant dwar il-pre-ezistenza u minn jezercita dik l-azzjoni ma jistax jirpoza fuq ebda prezunzjoni bhal per ezempju dik tal-qosor taz-zmien bejn il-bejgh u l-manifestazzjoni tad-difett” **(Kollez. Vol. XXXVII P II p 742**);

Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet “**George Brightwell –vs- Charles Cardona *et***”, Qorti Civili, Prim’ Awla, 16 ta’ Gunju 1981 per Imhallef Hugh Harding, konfermata in sede Appell fil-21 ta’ Marzu 1986 illi f’ kazijiet ta’ din ix-xorta “huma ta’ importanza kbira ghas-soluzzjoni tal-kaz li jigi ezaminat u deciz:-

(1) jekk verament kienux jezistu jew le fil-mument tal-bejgh id-difetti allegati fic-citazzjoni;

(2) jekk dawn id-difetti, fil-kaz li kienu jezistu, kienux apparenti jew kienux fil-fatt okkulti;

u (3) jekk dawn id-difetti kienux tali li kieku kien jaf bihom ix-xerrej ma kienx jixtri l-fond jew kien ihallas prezz anqas”;

Ghal dak li jiswa fir-rigward ta’ l-element tal-pre-ezistenza tad-difett, gja gie rilevat fuq il-konstatazzjonijiet ta’ l-espert tekniku, illi, bl-eskluzjoni ta’ l-allegat vizzju fis-saqaf, dovut ghall-fattur ghal kollox estraneu mill-kostruzzjoni tal-*garage*, id-difett ta’ l-umidita` fil-hajt kien l-effett dirett kemm ta’ inadegwatezza fil-harsien tieghu dovuta ghall-applikazzjoni zbaljata jew mhux ghal kollox konformi ghall-arti edilizja, kif ukoll ghal nuqqasijiet mhux skond is-sengha, konsistenti fil-mankanza li tittiehed prekawzjoni u kura kontra t-tnixxija ta’ l-ilma mill-blat. In kwantu korrelatati mal-kostruzzjoni nnifisha tal-binja, id-difett, ovvjament, kien gja jezisti qabel ma l-attur xtara l-*garage*.

Dan l-ewwel element huwa ghalhekk ben fondat u teknikament accertat;

Rigward it-tieni element, jinsab enuncjat illi "sabiex jigi deciz f' kull kaz jekk il-vizzju jew difett fil-haga mixtrija jkunx apparenti jew okkult, dan il-fatt jiddependi mill-kriterju ta' l-apprezzament tal-fattijiet u tac-cirkostanzi, taz-zmien, post, mod u persuna, li necessarjament irid ikun imholli fl-ekwita` u l-bwon sens tal-gudikant" (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 612**). Din l-istess sentenza tissokta telabora, bi spjega ghall-Artikolu 1425, - li jrid li l-venditur ma jwegibx ghad-difetti li jidhru jekk ix-xerrej seta' jsir jaf bihom wahdu – illi "l-kriterju dettat mil-ligi huwa li l-vizzju jkun redibitorju meta fil-waqt tal-kuntratt, jew tar-ricezzjoni tal-haga akkwistata, l-istess haga ma tipprezentax tracci, sinjali, sintomi, u apparenzi li jirrilevaw l-ezistenza jew li jkollha dawk id-difetti li x-xerrej medjokrament attent u diligenti ma jkunx jista' jaghrafhom jew jivvalutahom wahdu";

Dan l-aspett jidher li gie kompenetrat sew mill-perit legali fir-relazzjoni taghha. Bl-ghajnuna ta' gurisprudenza affermata fuq din it-tematika (ara **Kollez. Vol. XXXVIII P I p 279 u Vol. XXXIX P II p 549**, fost ohrajn) din jidher li ghamlet apprezzament ezatt ta' l-ipotesi tal-ligi dwar il-vizzju redibitorju u x' kien jispetta minn xerrej ghaqli fil-presenza ta' certi tracci esterjorment vizibbli u minnu maghrufa. Il-qofol ta' dan ir-ragonament gurisprudenzjali u dottrinali hu dak li "l-kompratur mhux ezentat milli japplika certa diligenza u attenzjoni fl-okkazjoni tal-bejgh dwar il-haga li huwa jkun qed jixtri. Kwindi ma jistax ikun legger u jinjora kull difett fil-haga waqt ix-xiri biex wara jistrieh fuq il-garanzija kontemplata fl-Artikolu 1424, Kodici Civili" ("**Salvatore Sacco –vs- Angelo Busuttil**", Appell Civili, 2 ta' Gunju 1989. Ara wkoll "**Pierre Vella Petroni –vs- Joseph Olivier Ruggier**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999);

Propjru din l-ahhar riferenzjata sentenza tirriafferma u tabbraccja l-hsieb akkurat, traccjat fid-decizjoni riportata a **Vol. XLIII P I p 545**:-

"Il-legislatur, kwindi, implicitament jimponi lill-kompratur l-obbligu li jivverifika l-istat u l-kondizzjoni tal-haga, taht il-piena li ma jkunx jista' imbaghad jissolleva ebda reklam ghall-vizzji apparenti li minnhom il-haga tkun affetta; u din il-verifika ghandu jaghmilha bid-diligenza konsweta li juza l-*bonus pater familias*, u minghajr distinzjoni jekk il-verifika tipprezentax fil-fatt diffikultajiet kbar jew zghar, billi l-ligi, meta ggieghel tiddependi l-apparenza tal-vizzju mic-cirkustanzi li l-kompratur seta' jinduna bih, ma tibbada bl-ebda mod la ghall-mezzi li bihom ghandu jinqeda, u lanqas ghall-ostakoli magguri jew minuri li jkollu bzonn jissupera, naturalment sakemm il-konoxxenza tal-vizzju ma tkunx tipprezenta diffikulta tali li, nonostanti l-ezercizzju ta' l-imsemmija diligenza, il-vizzju ma jkunx jista' jigi skopert; u jekk ix-xerrej ma jkunx kapaci jivverifika hu personalment il-haga, ghall-inesperjenza jew imperizja tieghu, ghandu f' dan il-kaz jisserva jew jassisti ruhu minn persuna prattika u esperta; u jekk ma jaghmelx hekk, ma jkunx jista' jghid li adempixxa dan l-obbligu tieghu, l-ghaliex dan hu wiehed mill-kazi li fihom ghandha tigi applikata r-regola *imperita culpae adnumeratur* sakemm naturalment, dan jigi ntiz in relazzjoni ghal dak ta' l-ordinarja u konsweta diligenza ta' ezami li aktar il-fuq giet accennata; ghaliex il-ligi ma tezigix xoghol li mhux soltu jsir, ezami difficli u komplikat, provi teknici, esperimenti twal, imma almenu ezami pju o meno akkurat ta' bniedem prattiku";

Dan premess, fil-kaz in ezami jidher li l-perit legali hadet spunt minn dak osservat mill-perit tekniku *in calce* ghar-rapport tieghu. Jigifieri li l-attur, u l-*foreman* tieghu Alfred Buhagiar, minnu prodott, stqarrew fix-xhieda taghhom li meta spezzjonaw il-*garage* qabel ix-xiri tieghu mill-attur gie osservat minnhom bhal tebgha hadra mal-hajt 'il fuq mill-qatran li huma attribwew ghall-kumulu ta' materjal li kien jibda mill-bankina barra l-*garage* u jibqa' sejjer sa nofs il-*garage* u f' gholi ta' bejn erba' u hames filati. Dik it-

tebgha li kienet hekk in parti vizibbli ghall-attur kellha tkun certament indikattiva, anke ghall-persuna inesperta, illi mhux kollox kien sew f' dik il-parti tal-hajt. Dan kellu allura jallarmah biex jinvestiga aktar fid-dettal billi jesigi qabel xejn ir-rimozzjoni tal-materjal. Hu ma kellux jaghlaq ghajnejh u jonqos li jattira dan il-fatt lill-perit tieghu qabel l-akkwist li ghamel biex wara t-tnehhija tal-materjal jippretendi li l-hajt kien fih difett u li dan kien mohbi lilu. Sewwa rragunat il-perit legali fejn ikkummentat illi f' dawn ic-cirkostanzi l-attur ha risku serju meta ghadda biex jixtri l-*garage*;

Similment kien inghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Victor Portelli –vs- Andrew Brincat *et***", Appell Civili, 11 ta' Gunju 1990. Anke hawn si trattava ta' fond mixtri li, skond ix-xerrejja konvenuti, azzjonati ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz, kienu osservaw qabel l-akkwist xi bcejjec ta' l-umdita`. Dawn sostnew li l-umdita` kienet mghottija fil-maggor parti minn ghamara u ghalhekk ippretendew fil-kontro-talba taghhom li l-fond kellu difetti latenti. Dik il-Qorti rragunat illi d-difett seta' facilment jigi kkonstatat minnhom qabel sar il-kuntratt tal-bejgh. Dan billi jressqu l-ghamara ha jaccertaw ruhhom kienx hemm umdita` warajhom. Intqal mil-Qorti li huma messhom indagaw aktar fil-fond dwar l-umdita` qabel ghamlu l-kuntratt tal-bejgh. B' citazzjoni mill-**Baudry-Lacantinerie** ("**Trattato Teorico di Diritto Civile**", Vol. XIX para. 418) gie minn dik il-Qorti rriaffermat il-hsieb ta' dan it-trattist fis-sens li darba d-difett kien jidher "*si presume che il compratore abbia accettato la cosa coi suoi vizi e non puo essere ammesso di ritornare su questa condizione*". Dan il-hsieb jista' ugwalment jigi applikat ghall-kaz in ispecje;

Raggunta mill-perit legali l-konkluzjoni li d-difett fil-*garage* ma kienx wiehed mohbi, li maghha din il-Qorti tikkonkorda, strettament mhux il-kaz li tintrattjeni ruhha fuq it-tielet element riferibilment ghan-natura gravi, o meno, tad-difett. Tali ezercizzju kien ikun necessarju kieku gie stabbilit li d-difett kien wiehed okkult. Anke, pero`, kieku kellha tirraguna fuq dan il-punt, l-istess ma

kienetx, bhal perit legali qabilha, issib, fic-cirkustanzi pekuljari tal-kaz, u konsiderat ukoll il-prezz inferjuri ghal dak tas-suq li bih inxtara l-*garage*, illi d-difett jista' jigi kwalifikat bhala wiehed gravi. Huwa veru li m' hemmx ghalfejn id-difett ikun ta' xi gravita estrema ghax kieku l-estimatorja ma ssir qatt. Daqstant iehor pero` huwa veru li l-vizzju jrid ikun ta' certa serjeta fil-kuntest u perspettiva tal-kaz partikulari b' tali mod li tassew jimmerita riduzzjoni fil-prezz. F' dan il-kaz, anke in bazi ghall-apprezzament tekniku dwar valur tal-fond fil-mument ta' l-akkwist u spiza rimedjali involuta ghar-repristinar tieghu, din is-serjeta` tad-difett hi markatament assenti. Korrettement ukoll gie suggerit mill-perit legali illi, anke kieku stess l-attur kellu xjenza shiha u kompleta tad-difett, dan xorta wahda kien jakkwista l-fond b' dak il-prezz ghal skop ta' gwadann kummercjali u ekonomiku minnu;

In vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha d-dekadenza tat-terminu ghall-proponiment ta' l-azzjoni, sollevata bir-raba' eccezzjoni, ma tibqax rilevanti. Hekk ukoll hi guridikament insostenbilli t-tielet eccezzjoni. Dan ghaliex, hekk kif xerrej ma jistax jinsisti fuq l-ezekuzzjoni tal-kuntratt billi jitlob ir-riparazzjoni tad-difetti izda biss id-drittijiet specifikati fl-Artikolu 1427, Kodici Civili (ara **Kollez. Vol. XLII P II p 855**), il-venditur ma jistax, u ma ghandux jippretendi, li x-xerrej messu l-ewwel sejjahlu biex jirripara d-difetti. Il-Qorti tinnota fl-ahhar illi l-ewwel eccezzjoni giet rinunzjata bil-verbal a fol. 15 mentri t-tieni wahda giet sorvolata bl-emendi introdotti ghall-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja c-cahda tat-tielet eccezzjoni u l-astensjoni fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet, ghar-ragunijiet imsemmija, takkolji l-hames eccezzjoni tal-konvenut u b' hekk tirrespingi t-talbiet kollha ta' l-attur. Kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez il-Qorti tilqa' r-

rakkomandazzjoni tal-perit legali li dawn jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------